**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 39**

**L-Erbgħa 13 t'April 2022**

Il-Kunsilli Lokali ta' Marsaxlokk iltaqa' fil-binja tal-Kunsill, li tinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk - fl-16:30 ta' wara nofs in-nhar.

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Steven Grech | – | Sindku |
| Elenia Desira | _ | Viċi Sindku |
| Stephen Caruana | _ | Kunsillier |
| Janice Chetcuti | – | Kunsillier |
| Daniel Zerafa | – | Kunsillier |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Carmel Attard | – | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

| | |
|---|---|
| **39.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġiji** |
| 39.1.1 | Xejn |
| 39.1.2 | Dr. Janice Chetcuti daħlet fis-17:45h. |
| **39.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti** |
| 39.2.1 | Elenia Desira pproponiet u ssekonda Steven Grech bħala korretti, il-minuti tas-seduta preċedenti numru 38 u li dawn ġew approvati b'votazzjoni unnanima fost dawk preżenti. |
| **39.3** | **Komunikazzjonijiet mis-Sindku.** |
| 39.3.1 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li ma kellux laqgħat mill-aħħar seduta s'issa. |
| 39.3.2 | **Proġett ta' Marsaxlokk football ground -** Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li kif kien ġie maqbul fil-laqgħa preċedenti, tiġi diskussa il-kwistjoni tal-proġett tal-ground tal-football. Hu semma li l-Kunsill dejjem qal li jrid ikun hemm *Public Consultation Meeting*. Dr. Janice Chetcuti żiedet tgħid li dakinhar tal-laqgħa mal-Ministru intqal li l-petizzjoni li kienet saret kienet meqjusa u miżjuda bħala *public consultation* u fuq hekk kienu tranġaw il-*Blue Prints*. Il-Kunsill ser jinnomina lis-Sur Daniel Zerafa biex jitkellem mal-Planning Authority waqt is-smiegħ u jwassal il-messaġġ li għandna tintalgħab laqgħa pubblika u verifika jekk saritx diġa. Il-Kunsill qabel unanimament bejn dawk preżenti. |
| 39.3.3 | **Proposta sit alternattiv għal-Kunsill.** Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li ġew ikkunsidrati dawn żewġ siti.<br>1. **Art fi Triq Bir rikka -** Bħala binja tiġi żgħira.<br>2. **Il-bini tal-Hostel -** Ser titfassal pjanta li fuqha u ser jiġi mqabbad il-Perit tal-Kunsill biex jagħmel *scetch.* |
| 39.3.4 | **Triq it-Trunċiera.** Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fi Triq it-Trunciera ser jinbidel il-ħajt, u ser isir passaġġ tal-konkos ġdid minflok it-tapit u bankina ġdida. |
| 39.3.5 | **Magħluq**. Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li qed isiru diskussjonijiet dwar tpoġġieħ ta' ġebel kbir peress li dak li hemm qed jittiekel. |
| **39.4** | **Mistoqsijiet mill-Kunsilliera** |
| 39.4.1 | Daniel Zerafa ressaq għadd ta' mistoqsijiet quddiem il-Kunsill.<br>1. **Azzjoni ċara fuq infurzar fuq l-imwejjed u s-siġġijiet fuq il-Promenade?**<br>Is-Sindku qal li wara xahar li tkun għaddiet l-elezzjoni ser jinbdew l-infurzar min-naħa tal-kunsill. |

| | |
|---|---|
| | **2. Organizazzjoni tal-Monti ta' fost il-ġimgħa?**<br>Is-Sindku informa li hu mhux ser imiss il-mont ta fost il-ġimgħa jekk ma jkollux l-għajnuna mill-Gvern Ċentrali. Peress li issa s-Segratarju Parlamentatri tal-Ministeru tat-Turiżmu inbidel ser jara x'ser jiġri anke minħabba il-*Master Plan*. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv. Carmel Attard hawn ġibed l-attenzjoni li jekk dan il-proġett li jammonta għal somma kbira, irid jiġi ibbaġitjat mill-fondi tal-Kunsill jekk kemm il-darba mhux ser ikun hemm għajnuna.<br><br>Is-Sindku tenna li ser jerġa jiddiskuti mal-Ministeru tat-Turizmu. Is-Sindku qal li rigward il-proġett tal-*Master Plan* irridu nkunu kawti minħabba li ntefqu aktar flus milli dak pjanat u ser isir laqgħa mal-accountant. Rigward il-monti ta' matul il-ġimgħa, is-Sindku qal li dan qatt ma kien f'idejn il-Kunsill. Waqt id-diskussjoni is-Sur Daniel Zerafa qal li l-Kunsill għandu jieħu ħsieb li jorganiżża u jsiru l-posti. Is-Sindku tenna li l-monti ta' matul il-ġimgħa mhux responsabbiltà tal-Kunsill u mhux ser jieħu ir-responsabbità li jorganizzaħ hu. Wara diskusjoni id-Deputat Segretarju issugerixxa li Daniel Zerafa għandu jippreżenta Mozzjoni ġimgħa qabel is-seduta li jmiss fejn għandu jiddikjara li hu għandu kunflitt t' interess fir rigward.<br><br>**3. Aġġornament fuq il-proġetti li għaddejin bħalissa?**<br>Dawn ġew diskussi waqt il-kommunikazzjoni tas-Sindku kif ukoll domandi preċedenti.<br><br>**4. Rigward *By-laws*?**<br>Is-Sindku qal li reġa ikkuntatja lil Avukat u talbu biex ilestihom.<br><br>**5. Sistema ta Cameras?**<br>Is-Sindku qal li hemm problema fil-parti tal-Magħaluq, però daqt jinbeda ix-xogħol.<br><br>**6. Żebgħa f'Xatt is-Sajjieda?**<br>Is-Sindku qal li qabel ma jitlesta ix-xogħol mal-parkeġġ mhux ser issir żebgħa is-safra.<br><br>**7. Tabelli tal-bajjiet u Dellimara?**<br>Is-Sindku qal li ser ikomplu tal-Magħluq u jitweħħlu it-tabelli. Hu tenna li kemm il-darba twaħħlu u tkissru. Ser isiru tal-aħħar u mhux ħa jerġgħu isiru. |
| 39.4.2 | Dr.Janice Chetcuti staqsiet rigward il-Proġett tal-ġnien u anki il-Fondi dwar il-Ħarsien tal-Annimali sabiex dawn jiġu finalizzati qabel ma tieħu l-impenji fil-parlament. Is-Sindku assigura li dan ix-xogħol ser jitkompla. L-attivitajiet ta l-isport ukoll ser ikompli sa l-aħħar tas-sena. |
| 39.4.3 | Dr.Janice Chetcuti li ġiet eletta fil-Parlament u il-Kunsill kollhu awguralha kull suċċess. Hija ħarġet mil-laqgħa fis-18:35h. |

<table>
<tr><td>39.5</td><td>Sejħa għal ingaġġ ta Ġardinar full time</td></tr>
<tr><td>39.5.1</td><td>Id-Deputat Segretarju Eżekttiv Carmel Attard qal li kien hemm il-go ahead mid-Dipartiment u ser tinħareġ sejħa sabiex jiġi ingaġġat Ġardinar, hekk kif it-Tender ser tagħlaq.</td></tr>
<tr><td>39.6</td><td>Jum San Girgor</td></tr>
<tr><td>39.6.1</td><td>Jum San Girgor ser isir bħas snin ta' qabel il-Covid.</td></tr>
<tr><td>39.7</td><td>Statwi li ser issir applikazzjoni biex isir restawr permezz ta' Skema SPI/SCI/3/2022</td></tr>
<tr><td>39.7.1</td><td>Lista ta' statwi li qed jiġu proposti li jkunu restawrati huma;<br><br>San Ġuzepp<br>Sant'Anna<br>Santa Katerina<br>San Vinċenz<br>San Gużepp (ta' Triq San Ġużepp)<br>Kristu Salvatur</td></tr>
<tr><td>39.8</td><td>Festa Liturġika tal-Madonna ta' Pompei – Il-Hadd 8 ta Mejju</td></tr>
<tr><td>39.8.1</td><td>Is-Sindku ppropona li dakinhar tal-Festa, li ser jaħbat il-Hadd, il-Monti ma jarmax. Ittieħed dan il-vot:<br><br>
<table>
<tr><th>Isem</th><th>Vot</th></tr>
<tr><td>Steven Grech</td><td>Iva ma jarmax</td></tr>
<tr><td>Elenia Desira</td><td>Iva ma jarmax</td></tr>
<tr><td>Stephen Caruana</td><td>Iva ma jarmax</td></tr>
<tr><td>Daniel Zerafa</td><td>Kunflitt t'Interess</td></tr>
<tr><td>Janice Chetcuti</td><td>Assenti</td></tr>
</table>
<br>Daniel Zerafa rrimarka li ma jaqbilx li l-monti ma jarmax, iżda hemm lok fejn jarma migħajr il-vannijiet.</td></tr>
<tr><td>39.9</td><td>Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti</td></tr>
<tr><td>39.9.1</td><td>Skeda pagament. Proponiet Elenia Desira u Stephen Caruana ssekonda.</td></tr>
</table>

| | |
|---|---|
| **39.10** | **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 39.10.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-18:05h wara li ġiet eżawrita l-aġenda, u ġiet aġġornata għal nhar il-Erbgħa 18 ta' Mejju 2022, fl-16:30h |

**Ikkonfermati illum 18 ta' Mejju 2022.**

IFFIRMATA

**Steven Grech**
*Sindku*

IFFIRMATA

**Carmel Attard**
*Deputat Segretarju Eżekuttiv*